dok 'A'

**8 ta' Marzu 2019**

**Mozzjoni rigward bdil fil-konfini**

Il-qagħda tal-konfini tal-lokalità tal-Gudja ma tagħmilx ġustizzja mal-istorja. Nirrikonoxxu t-tentattivi li għamilna bħala Kunsill Lokali f'dawn l-aħħar snin biex dawn il-konfini jiġu riveduti, partikolarment fejn jidħlu l-inħawi tal-Ajruport u ta' Ħas Saptan. Għaldaqstant:

- Peress li l-inħawi magħrufa bħala Tal-Karwija li fuqhom jinsab mibni l-Ajruport, kienu storikament meqjusa responsabbilità tal-Kunsill Ċiviku tal-Gudja, kif ukoll parti mill-Parroċċa Djoċesana ta' Bir Miftuħ li aktar tard saret magħrufa bħala l-Gudja, kif anke jixhdu diversi arkivji notarili;

- Peress illi din il-ġimgħa l-Parlament jinsab jiddiskuti t-Tieni Qari dwar l-Abbozz numru 79, li jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali Kap. 363 bħala parti mir-Riforma tal-Gvern Lokali;

- Peress illi wara diversi talbiet li saru minn dan il-Kunsill Lokali sabiex il-Kummissjoni Elettorali tirrevedi dawn il-konfini, konna ġejna infurmati mill-Kummissarju Elettorali Ewlieni s-Sur Joseph Church b'email mibgħutha fl-14 ta' Jannar 2019, illi t-talba tagħna qed tistenna l-opinjoni u l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici;

Dan il-Kunsill qiegħed formalment jitlob illi l-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali sabiex jemenda dan l-Abbozz li qed jipproponi huwa stess fil-Parlament, billi:

- Jressaq emenda għar-Raba' Skeda ta' dan l-Att, u taħt "Ħwejjeġ esklużi mir-responsabbilità ta' Kunsilli Lokali", L-Ajruport ikun deskritt "Limiti tal-Gudja" u mhux aktar "Limiti ta' Ħal Luqa"; u

- Tiġi emendata t-Tieni Skeda "Lokalitajiet u l-konfini tagħhom" biex tirrefletti din il-bidla.

Proponent
**Mark Anthony Sammut**
ID 0111086M
Kunsillier

Sekondant
**Stefan Caruana**
ID 0012076M
Kunsillier